MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 174/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Abela**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta’ Gunju 2008.

**2.** Permezz ta’ att ta’ citazzjoni mahrug fil-31 ta’ Jannar 2008, Jonathan Abela, bin John u M’Antonia nee Incorvaja, imwieled fit-3 ta’ Jannar 1982 u detentur tal-Karta tal-Identita` nru 53682(M), gie akkuzat talli fis-16 ta’ Dicembru 2007 u fil-jiem ta’ qabel, waqt li kien fuq cellulari jitkellem ma’ martu Natasha Abela insulentaha u heddidha bil-kliem, u dejjaqha bil-messaggi li baghat bi kliem oxxen. Fit-2 ta’ Gunju 2008 il-Qorti Inferjuri, wara li rat l-Artikoli 338(*bb*) u 339(1)(*e*) tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-

imsemmi Jonathan Abela ghal gimgha detenzjoni. Abela appella b'rikors datat 5 ta' Gunju 2008. L-appell tieghu hu limitat ghall-piena. Fir-rikors tieghu huwa spjega li hu u martu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, u fit-telefonata meritu tal-imputazzjoni hu qal "xi kliem horox fil-konfront [ta' martu] izda dan kien biss kliem tas-sahna tal-mument u kien ovvju li jekk kien hemm theddid dan ma kienx theddid serju li seta' jwassal ghal xi biza' reali". Ghalhekk, skond l-appellant, il-piena karcerarja, ankorke` biss ta' gimgha, kienet "ezagerata u mhux ekwa mac-cirkostanzi tal-kaz".

**3.** Din il-Qorti appuntat l-appell ghas-smigh ghat-22 ta' Settembru 2008, izda minkejja erbatax-il tentattiv ta' notifika da parti tal-marixxalli taghha (anke bl-assistenza tal-pulizija u bil-ghajnuna moghtija mill-Ispettur Sandro Camilleri personalment), l-appellant baqa' ma setax jigi notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell tieghu ghax ma seta' jinstab imkien, filwaqt li hadd ma kien jiftah fir-residenza (ghall-anqas is-suppost residenza) tieghu fil-Pieta`. Kien biss wara li din il-Qorti harget direttivi specifici fit-2 ta' Gunju 2009[1] li fl-ahhar, fis-6 ta' Lulju 2009, l-appellant gie notifikat f''idejn ommu fir-"residenza tieghu". L-appell gie, fl-ahhar, mismugh u trattat fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2009. Ta' min jghid ukoll li anke quddiem l-ewwel qorti kien hemm diffikulta` dwar in-notifika – ghalkemm mhux daqs kemm kien hemm fl-istadju tal-appell. In fatti ghall-udjenza tas-17 ta' Marzu 2008 l-imputat ma kienx deher ghalkemm debitament notifikat. Il-Qorti Inferjuri kienet immultat lil Abela ghal disprezz u ordnat l-arrest tieghu, u kien biss fit-2 ta' Gunju 2008 li l-kawza nstemghet u giet deciza kif fuq inghad.

---

[1] Id-digriet kamerali tat-2 ta' Gunju 2009 jipprovdi hekk: *Il-Qorti: In vista tal-fatt li minkejja diversi tentattivi l-appellant ghadu ma jistax jigi notifikat bl-avviz tas-smigh; Wara li rat l-Artikoli 58(8)(9), 72 u 73 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-Artikoli 358(2), 362(1)(3)(4), 363, 520(1)(a) u 525(2) tal-Kodici Kriminali; Peress li hi tal-fehma li issa l-kaz ma jridx aktar dewmien: (1) tawtorizza n-notifika ta' l-appellant barra mill-hinijiet stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 363 tal-Kap. 9, kif ukoll fil-Hdud u f'vaganzi pubblici (izda mhux fil-knejjes waqt funzjoni religjuza); (2) tordna lill-ufficjali esekuttivi taghha jmorru biex jinnotifikaw lill-appellant mhux anqas minn tlett darbiet fil-gimgha, u f'hinijiet differenti, u li jkunu dejjem akkumpanjati minn Ufficjali tal-Pulizija Ezekuttiva; (3) tordna lir-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, sabiex, jekk ikun il-kaz, jipprocedi skond ma jipprovdu s-subartikoli (3) u (4) tal-Artikolu 362 imsemmi. Tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.*

**4.** Kwantu ghall-appell interpost, l-imputazzjoni hi ammessa. Anke meta l-appellant xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-Gimgha, 10 ta' Lulju 2009, huwa ddikjara li "zbalja" meta, fis-sahna tal-mument qal kliem ta' theddid fil-konfront ta' martu. Natasha Abela xehedet li hi ma tridx tara lil zewgha l-habs – ghalkemm, skond hi, dan ilu issa ma jkellimha x-xhur, u anqas ma jmanti lil, jew ghandu xi kuntatt ma', binhom komuni li llum ghandu erba' snin. Hi, pero`, ghadha xi ftit bezghana minnu ghax, skond hi, huwa jista' jasal biex iwettaq xi att ta' vendikazzjoni kontra taghha.

**5.** Issa, l-appellant m'ghandux xi fedina penali partikolarment refrattarja. Kullma jirrizulta, infatti, hija kundanna wahda fit-3 ta' Gunju 2003 ghal incident li sehh fil-21 ta' Frar 2002 meta huwa seraq xi oggetti u flus minn kmamar fil-Palm Court Hotel, il-Qawra. Ghal dak ir-reat huwa kien inghata *conditional discharge* u ordnat ihallas l-ispejjez peritali. Dak li, pero`, jippreokkupa lil din il-Qorti huwa li ma jirrizultax car kif qed jghix bhalissa l-appellant, u kif irnexxielu jevadi n-notifiki ta' din il-Qorti ghal dan iz-zmien kollu. Fi kliem iehor din il-Qorti mhix konvinta li l-appellant mhux qed "ihawwad" xi haga jew f'xi haga ohra. Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk hux il-kaz li taghmel Ordni ta' Protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kap. 9, pero` hi tal-fehma li m'ghandhiex informazzjoni bizzejjed (specjalment dwar ir-relazzjonijiet personali bejn l-appellant, martu u binhom) li a bazi taghha tkun tista' taghmel projbizzjonijiet utili u/jew fattibbli. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ikun ahjar li din il-Qorti taghmel Ordni ta' *Probation* fit-termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446. L-effetti "long term" ta' ordni simili jistghu jkunu ferm ahjar, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, mill-effetti ta' gimgha maqful Kordin. Ghalhekk il-piena ta' gimgha detenzjoni ser tigi sostitwita b'Ordni ta' *Probation* ghal tlettax-il xahar mil-lum. Il-Qorti – ghall-finijiet tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 – spjegat lill-hati fi kliem car l-effett ta' dan l-ordni u tal-htiegiet addizzjonali li fih, u nnutat li l-istess appellant fisser li huwa lest li joqghod ghal dan l-ordni.

**6.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Jonathan Abela ghall-piena ta' gimgha detenzjoni, u minflok taghmel l-Ordni ta' *Probation* infraskritt u li ghandu jitqies li jifforma parti integrali minn din is-sentenza; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

********************************

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent A. De Gaetano**

**ORDNI TA' *PROBATION* -- ARTIKOLU 7, KAP.446**

**Illum, 13 ta' Lulju,2009.**

**Il-Qorti:**

**Billi Jonathan Abela, bin John u M'Antonia (Antoinette) nee Incorvaja, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 53682(m), u residenti 5, Sqaq ix-Xatt nru 2, Pieta` (hawn taht imsemmi "probationer") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Sandro Camilleri) v. Jonathan Abela*, kif modifikata bis-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Jonathan Abela* fl-appell numru 174/08;**

**Wara li kkunsidrat – anke tenut kont ta' dak li jinghad fil-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 – li jkun xieraq li jsir dana l-Ordni ta' *Probation*;**

**U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dana l-Ordni lill-*probationer*, inkluza l-htiegiet mizjuda skond**

**is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 7, u nnutat li l-istess *probationer* wera li jrid ihares il-htigiet tal-istess Ordni;**

**Tordna li l-*probationer* jitqieghed taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-*Probation* ghal zmien ta' tlettax-il xahar mill-lum b'dawn il-htigiet:**

**1. li matul dan il-periodu l-*probationer* igib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-*Probation*, izomm kuntatt regolari ma' l-imsemmi Ufficjal tal-*Probation* u jaghtih/jaghtiha kull informazzjoni li huwa jigi mitlub dwar ix-xoghol tieghu, dwar fejn ikun qed joqghod u dwar il-movimenti tieghu, kif ukoll dwar ir-relazzjonijiet tieghu ma' martu u ma' binhom komuni;**

**2. li huwa jirraporta ghand, billi jippresenta ruhhu quddiem, l-Ufficjal Anzjana tal-*Probation* Ms. Mariella Camilleri fl-Uffucju tal-*Probation* f'numru 217, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju bejn id-9.00 u 9.30 ta' filghodu;**

**3. li ma jaghmel, jew jipprova jaghmel, ebda kuntatt ma' martu u/jew ma' binhom komuni (hlief jekk ikun hemm ordni ta' qorti kompetenti ghal dana l-fini) minghajr qabel ma jinforma l-Ufficjal tal-*Probation*;**

**4. li ma jbiddilx ir-residenza tieghu minghajr ma qabel jinforma lill-Ufficjal tal-*Probation*.**

**Tordna li kopja ta' dana l-Ordni tigi minnufih konsenjata lill-*probationer* kif ukoll li kopja tigi komunikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* skond is-subartikolu (8) tal-Artikolu 7 imsemmi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------